MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 278/2010/1

**Reginald Fava f'ismu proprju u ghan-nom ta' Chemimart Ltd kif debitament awtorizzat**

**v.**

**Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita` dwar licenzjar u Awtorita` dwar il-Medicini u Kummissarju tal-Artijiet ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur proprio et nomine fis-26 ta' Marzu 2010 li jaqra hekk:

“1. Illi r-rikorrenti huma detenturi ta’ licenzja ta’ spizerija DL130 fi 3, Freedom Square, Valletta, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. RF1, liema licenzja hija valida sal-31 ta’ Dicembru, 2010, u tigi awtomatikament imgedda minn sena ghal sena mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar.

“2. Illi fit-30 ta’ Gunju, 2009, ir-rikorrenti gew notifikati b’*termination notice* mill-Kummissarju tal-Artijiet illi l-kirja tal-fond in kwistjoni kienet ser tigi terminata stante illi l-Awtoritajiet Governattivi kienu ser jaghmlu progett fil-Belt Valletta ossia fi Freedom Square fl-interess nazzjonali li kien ser jaffettwa l-hwienet proprjeta` tal-Gvern fi Freedom Square ossia l-fond 3, Freedom Square, Valletta gestit mir-rikorrenti bhala spizerija u dawk taht it-Teatru mwaqqa’ u dan skond dokument hawn anness u mmarkat Dok. RF2.

“3. Illi a tenur tal-Artikolu 73(1) tal-Att dwar il-Medicini ossia l-Att III tal-2003, id-detentur tal-licenzja ta’ spizerija m’ghandux jaghlaq spizerija temporanjament jew xorta ohra ghal ebda raguni u ai termini tal-Artikoli 73(2) tal-istess Att fuq imsemmi, f’kaz illi din l-ispizerija tkun maghluqa ghal perjodu ta’ hamest ijiem konsekuttivi ghandha titqies illi tkun giet awtomatikament revokata.

“4. Illi r-rikorrenti qieghed f’posizzjoni fejn huwa qed jigi mgieghel sforzatament u kontra l-Ligi mill-Kummissarju tal-Artijiet biex jaghlaq din l-ispizerija kontra l-Ligi b’dannu ingenti u rrevokabbli ghalih u ghal pubbliku li skond l-istess Ligi tfissirlu r-revoka ta’ tali licenzja oltre` l-fatt illi hawn si tratta ta’ servizz pubbliku koncernanti s-sahha pubblika li ghandu jigi moghti lil pubbliku fl-interess tal-istess.

“5. Illi biex tigi ovvjata din is-sitwazzjoni ta’ tehid sfurzat ta’ tali licenzja, r-rikorrenti talab il-hrug ta’ trasferiment ta’ licenzja temporanja mill-fond 3, Freedom Square, Valletta ghal fond proprjeta` tieghu 20-21, Republic Street, Valletta, liema fond jissodisfa u jhares

kull htiega stabbilita fl-Att dwar il-Medicini u huwa idoneju ghal tali servizz.

“6. Illi ma hemm l-ebda raguni skond il-Ligi illi l-intimati jew min minnhom ma johorgux tali licenzja temporanja ghal fond 20-21, Republic Street, Valletta, biex jigi uzat bhala spizerija mir-rikorrenti.

“7. Illi l-Awtorita` dwar il-Licenzjar a tenur tal-Artikolu 72(b) tal-Att dwar il-Medicini tista’ tistabilixxi u tibdel id-disposizzjonijiet ta’ licenzja ta’ spizeriji meta hemm bdil materjali ta’ cirkostanzi dwar tali licenzja bhal fil-kaz in ezami meta r-rikorrenti gie ordnat biex jaghlaq tali spizerija kontra l-Ligi ghax b’hekk ma jkunx jista’ jottempra ruhu ma’ l-obbligi li ghandu taht l-Att dwar il-Medicini.

“8. Illi l-Awtorita` dwar il-Licenzjar ghalhekk hija awtorizzata bil-Ligi ossia l-istess Att dwar il-Medicini biex tohrog tali licenzja temporanja billi tinnotifika lir-rikorrenti bid-decizjoni taghha u taghti ragunijiet dettaljati li fuqhom tkun motivata dik id-decizjoni, biex b’hekk is-servizz li obbligat jaghti skond il-Ligi ir-rikorrenti jibqa’ jinghata bla mittifes u minghajr interruzzjoni fl-interess mhux biss tar-rikorrenti imma dan skond il-Ligi, fl-interess tas-sahha pubblika u tal-pazjenti li jirrikorru lejn l-ispizerija tar-rikorrenti minn fejn jigu supliti b’medicini kontrollati u ohrajn.

“9. Illi ghalhekk l-Awtorita` dwar il-Licenzjar ghandha minnufih tohrog il-licenzja temporanja ghall-fond 20-21, Republic Street, Valletta, biex ir-rikorrenti jkun jista’ jkompli jaqdi d-dmirijiet tieghu taht l-Att III tal-2003 biex tigi evitata r-revoka tal-licenzja li huwa ghandu ghal gestjoni ta’ spizerija fi 3, Freedom Square, Valletta.

“10. Illi l-hrug ta’ tali licenzja temporanja hija urgenti skond il-Ligi stante illi hija koncernanti s-sahha pubblika u d-dispensar ta’ medicini ristretti fost medicini ohra suppliti minn tali spizerija.

“11. Illi ghalhekk jehtieg illi l-Awtorita` dwar il-Licenzjar tohrog din it-tali trasferiment ta’ licenzja temporanja minn 3, Freedom Square, Valletta ghal 20-21, Republic Street, Valletta, u dan sakemm it-traslok permanenti jigi determinat mill-Kummissarju tal-Artijiet, l-Awtorita` dwar il-Licenzjar u r-rikorrenti kif gie miftiehem bejn il-Kumitat tal-operaturi tal-hwienet ta’ Freedom Square u taht it-teatru mwaqqa’ u l-Awtoritajiet Governattivi.

“12. Illi jehtieg illi dan ir-rikors guramentat jigi mismugh bl-urgenza stante illi r-rikorrenti qieghed f’posizzjoni anomala li waqt li huwa obbligat skond il-Ligi biex jaghti servizz kontinwu ta’ spizerija biex huwa ma jiksirx id-disposizzjonijiet tal-Ligi u ma jitlifx il-licenzja illi huwa ghandu, huwa dan ma jistax jaghmlu ghax gie mwaqqaf li jaghmel dan mill-Kummissarju tal-Artijiet u tali interruzjoni tas-servizz konsegwentement ittellef lir-rikorrenti minn tali licenzja fi zmien hamest ijiem skond l-Att dwar il-Medicini.

“13. Illi bi Protest Gudizzjarju tat-23 ta’ Marzu, 2010, ir-rikorrenti intima l-intimati biex jottempraw ruhhom ma’ l-obbligi stabbiliti mil-Ligi ossia li johorgu tali permess temporanju ghall-uzu tal-fond 20-21, Republic Street, Valletta, bhala spizerija pero` baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn tintalab l-urgenza tas-smiegh tal-istess.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u bl-urgenza u ghar-ragunijiet fuq premessi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

“1. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju tibdel id-disposizzjonijiet tal-licenzja DL130 mahruga f’isem Chemimart Limited f’3, Freedom Square, Valletta, ghal 20-21, Republic Street, Valletta, minhabba bdil materjali ta’ cirkostanzi a tenur tal-Artikolu 72(b) tal-Att III dwar il-Medicini stante illi r-rikorrenti m’huwiex f’posizzjoni materjali biex jaghti s-servizz ta’ spizerija minn dan it-tali fond minhabba l-fatt illi

l-Kummissarju tal-Artijiet ittermina l-kirja tal-istess fond fl-interess nazzjonali.
"2. Tawtorizza lir-rikorrenti li fin-nuqqas ta' hrug ta' tali licenzja temporanja minn 3, Freedom Square, Valletta ghal 20-21 Republic Street, Valletta, fi zmien qasir u perentorju tordnalu jopera l-ispizerija minn tali fond 20-21, Republic Street, Valletta, kif obbligat li jaghmel skond il-Ligi biex ikompli jaghti s-servizz tieghu ta' spizerija fl-interess tas-sahha pubblika u dan a tenur tal-Att III dwar il-Medicini.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest Gudizzjarju tat-23 ta' Marzu, 2010, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

**2.** Rat ir-risposta guramentata tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar, tal-Awtorita` dwar il-Medicini u tal-Kummissarju tal-Artijiet tat-30 ta' Marzu 2010 li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi din il-kawza tikkoncerna kwistjoni dwar l-ispostament ta' spizerija liema spostament jaqa' fl-ambitu tal-poteri tal-Awtorita` dwar il-Licenzjar mahtura skond l-Att dwar il-Medicini. Illi dik l-Awtorita` hija s-Supretendent tas-Sahha Pubblika.

"2. Illi ghalhekk ebda wiehed mill-konvenuti hlief is-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar ma huwa legittimu kontradittur f'din il-kawza.

"3. Illi l-kumpanija attrici Chemimart Limited (C1214) hija d-detentur ta' licenzja ta' spizerija numru DL130 li tawtorizzaha topera spizerija fil-fond numru 3 Pjazza Helsien, Valletta.

"4. Illi l-imsemmija licenzja tiggedded kull sena.

"5. Illi l-fond numru 3, Pjazza Helsien, Valletta huwa proprjeta` tal-Gvern u huwa mehtieg illi jigi demolit in konnessjoni mal-progett nazzjonali li jinvolvi l-bini ta' Parlament gdid ta' teatru u r-riabilitazzjoni u l-miljorament tal-inhawi ta' Bieb il-Belt. Illi din id-demolizzjoni u l-

izgumbrament tal-kumpanija attrici mill-istess fond huwa mehtieg illi jsiru mmedjatament stante li l-istess progett ta' kostruzzjoni ghandu jibda imminentement.

"6. Illi minkejja illi ma kienx strettament obbligat li jaghmel hekk, il-Gvern ghamel arrangamenti alternattivi mal-ex-inkwilini tal-hwienet l-ohra fil-parti ta' Pjazza l-Helsien illi trid tigi demolita sabiex jghin fit-trasferiment taghhom ghal band' ohra u sabiex jassistihom biex dan il-progett kemm jista' jkun u safejn huwa possibbli ma jkunx ta' impatt kbir fuq in-negozju taghhom.

"7. Illi anke fil-kaz tar-rikorrent, il-Gvern sab fond alternattiv fl-istess inhawi izda dan il-fond ma setax jinghata lir-rikorrent peress illi kien hemm rezistenza qawwijja mill-assocjazzjoni ta' kummercjanti u bejjiegha bl-imnut li tirrapprezenta numru ta' spizjara, il-General Retailers and Traders Union. Sussegwentement rega' nstab fond iehor ghar-rilokazzjoni permanenti tal-ispizerija tal-kumpanija rikorrenti izda dan jinhtieg li jsiru fih diversi xoghlijiet biex jigi addattat sabiex ikun jista' jintuza bhala spizerija. Galadarba nstab post alternattiv permanenti ghar-rikorrenti u li ma ghandux isib l-oggezzjoni tal-GRTU (u l-esponent qed jassumi dan minhabba li l-GRTU kienet invokat bhala bazi tal-oggezzjonijiet taghha l-Ftehim mal-Gvern tal-2007 li jistabilixxi distanzi partikolari ghal rilokazzjonijiet ta' spizeriji pero` fuq talba tad-detentur tal-licenzja), u stante li r-rikorrent jehtieglu numru ta' xhur biex jattrezza l-post li sablu l-Gvern ghal rilokazzjoni <u>permanenti</u>, ir-rikorrent talab li jittrasferixxi temporanjament biss (<u>ghal massimu ta' sena biss</u>) il-licenzja tieghu ta' spizerija ghall-fond 20-21, Triq ir-Repubblika , Valletta.

"8. Illi anke din il-proposta ghal rilokazzjoni temporanja ghal massimu ta' sena sabet rezistenza qawwija mill-gestituri ta' spizeriji ohra fl-inhawi u anke mill-GRTU u dan tant li l-GRTU f'punt minnhom ipproponiet li biex ma toggezzjonax ghal rilokazzjoni temporanja**,** l-4 gestituri ta' spizeriji fl-inhawi kellhom jithallsu kumpens ta' 160,000 Euro mill-Gvern biex ipatti ghat-telf ta' bejgh li

jistghu isofru jekk il-kumpanija rikorrenti tinghata dan il-permess **temporanju**.

"9. Illi madankollu l-Gvern dejjem ikkunsidra debitament il-proposta tal-kumpanija rikorrenti dwar il-perjodu waqt liema jkunu qeghdin isiru l-imsemmija alterazzjonijiet ghall-fond ta' rilokazzjoni permanenti fejn l-istess kumpanija rikorrenti talbet illi matul dak il-perjodu hija tithalla topera temporanjament mill-fond 20-21 Triq ir-Repubblika, Valletta illi huwa diga` uzat mill-kumpanija rikorrenti bhala 'Perfumery' salv illi l-istess fond ikollu l-attrezzi biex jintuza bhala spizerija.

"10. Illi pero`, kif diga` gie fuq spjegat, l-imsemmija proposta sabet rezistenza qawwija mill-gesturi ta' spizeriji ohra fl-inhawi u anke mill-General Retailers and Traders Union li tirrapprezenta diversi spizeriji. Illi dawn it-terzi qeghdin jargumentaw illi tali spostament ta' l-attivita` tal-kumpanija rikorrenti ghall-fond numru 21-21 Triq ir-Repubblika, Valletta ikun, skond huma, illegali u bi ksur ta' ftehim tal-2007 bejn il-Gvern u l-Ispizjara. Illi l-imsemmija terzi qeghdin ghalhekk jheddu li jiehdu kemm azzjonijiet industrijali li jeffettwaw is-sahha tal-poplu kif ukoll azzjonijiet gudizzjarji kontra dan l-ispostament propost.

"11. Illi jinkombi fuq il-Gvern bhala amministratur pubbliku illi jiehu in konsiderazzjoni l-konsegwenzi ta' kull azzjoni li huwa jiehu u dan partikolarment jekk tali konsegwenzi jkunu jistghu jeffettwaw is-sahha tal-poplu.

"12. Illi ghalhekk il-Gvern ghadu ma awtorizzax l-imsemmi spostament temporanju filwaqt li kompla jitkellem mal-partijiet koncernati bit-tama li tinstab soluzzjoni bonarja ghal din il-kwistjoni.

"13. Illi l-fatti dikjarati hawn fuq gew a konoxxenza tal-esponent Supretendent tas-Sahha Pubblika in parti ghax jafhom direttament u in parti minn informazzjoni ghand il-Gvern."

**3.** Rat li fl-udjenza tas-6 ta' April 2010 (fol. 56), il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma laqghetx talba ta' Collis Williams

Limited, Spiteri Maempel Limited, JV Pharma Limited, JBS Company Limited u Mario Debono ghan-nom u in rapprezentanza tal-Pharmacy Owners Section fi hdan il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji sabiex huma stess jigu “kjamati fil-kawza” bhala parti; ir-rikors ghalbiex huma jigu hekk “kjamati fil-kawza” gie minnhom ipprezentat fil-5 ta’ April 2010;

**4.** Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ April 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza kif gej:

“Fl-ewwel lok tillibera lill-intimati Awtorita` dwar il-Medicini u lill-Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju.

“Fit-tieni lok tilqa’ l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent pro et noe kif dedotti kontra s-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat billi tordna li sa zmien sebat ijiem mil-lum jibdel id-disposizzjonijiet tal-licenzja Nru. DL130 mahruga f’isem Chemimart Limited fis-sens illi u limitatament sal-31 ta’ Dicembru 2010 ir-rikorrent pro et noe jkun jista’ jopera dik il-licenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi mill-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, minflok il-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta.

“Fit-tielet lok, u b’applikazzjoni l-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.”

**5.** Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**In sintesi**, il-fatti **saljenti** tal-kaz kienu dawn –

“Ir-rikorrenti pro et noe jiggestixxi spizerija licenzjata skond il-ligi mill-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta. Il-licenza korrenti taghlaq fil-31 ta’ Dicembru 2010. Bhala konsegwenza tal-Progett ta’ Zvilupp ta’ Bieb il-Belt li jikkomprendi Pjazza Helsien u t-Teatru Rjal, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet propjetarju tal-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta, ta lir-rikorrent pro et noe avviz ta’ zgumbrament minn dan il-fond sabiex ix-xoghlijiet tal-Progett li se jinkludu d-demolizzjoni anke ta’ dak il-fond

ikunu jistghu jibdew. Waqt il-gbir tal-provi, irrizulta li fl-ghatba tas-smiegh tal-kawza, ir-rikorrent pro et noe inghata fond alternattiv fil-Kumpless ta' Bieb il-Belt (li jinsab in-naha l-ohra ta' Pjazza Helsien) sabiex minnu jiggestixxi spizerija. Irrizulta wkoll li dan il-fond kien jehtieg li jigi ristrutturat sabiex minnu ir-rikorrent pro et noe ikun jista' jopera spizerija. Fil-fatt ix-xoghol beda minnufih u r-rikorrent kien qed jipprevedi li x-xoghol kollu jitlesta sa massimu ta' sena mil-lum. It-talba tar-rikorrent hija li sakemm jitlesta x-xoghol ta' ristrutturar tal-fond alternattiv, il-licenzja li ghadha fis-sehh tigi trasferita ghall-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, sabiex ir-rikorrent ikun jista' jibqa' jaghti s-servizzi tieghu u fl-istess waqt ihares l-impjieg tal-haddiema tieghu. Kif ukoll ma jinkorri l-ebda riskju li jitlef il-licenza ghaliex il-fond imnejn qed jopera l-ispizerija llum ma jibqax miftuh. Min-naha tieghu is-Supretendent tas-Sahha Pubblika jikkontendi fl-ewwel lok li r-rikorrent ma ressaqx talba sabiex fic-cirkostanzi tal-kaz ma jitlifx il-licenza sakemm jigi ristrutturat il-post alternattiv u fit-tieni lok li kien qed jirrezisti li jilqa' t-talba ghat-trasferiment temporanju tal-licenza ghall-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, ghaliex kien obbligat jara l-interess generali apparti l-interess privat tar-rikorrent fis-sens li ma setax jiehu r-riskju li ghax jaccedi ghat-talba tar-rikorrent isib l-opposizzjoni ta' licenzjarji ta' spizeriji ohra fl-istess Triq ir-Repubblika u tar-Rapprezentanti taghhom il-GRTU li tista' tissarraf anke fis-sospensjoni tal-"Skema ta' Ispizerija tal-Ghazla Tieghek" li minnha qed tibbenefika l-komunita` in generali.

"**Ikkunsidrat –**

"Bhala punt ta' dritt, il-vertenza hija mpernjata fuq it-tifsira tal-Art.72 tal-Kap.458 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' kif l-Art.6 tal-A.L. 279 tal-2007 jintegra ruhu ma' din id-disposizzjoni.

"L-Att dwar il-Medicini (Kap.458) inter alia jirregola l-licenzjar tal-ispizeriji. L-Art.72(b) jaqra hekk -

***""L-Awtorita` dwar il-Licenzjar tista' tissospendi licenza ta' spizerija moghtija taht dan l-Att ghal dak il-perijodu li tista' tistabilixxi jew tista' tirrevoka jew***

***tbiddel id-disposizzjonijiet ta' xi tali licenza f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin :***

***...***

***"meta kien hemm bdil materjali ta' cirkostanzi ..."***

"Bis-sahha tal-Kap.458, sar l-A.L. 279 tal-2007 li fl-Art.6 jghid hekk -

***""Detentur ta' licenza jista' japplika ghal rilokazzjoni ta' spizerija sakemm dik ir-rilokazzjoni issir fl-istess belt jew rahal u l-fond il-gdid li jkun qieghed jigi propost :***

***"(a) joffri facilitajiet ahjar skond dawn ir-regolamenti mill-fond ta' qabel.***

***"(b) ma jkunx jinsab inqas minn tliet mitt metru 'l boghod bil-pass minn xi spizerija ohra li tkun qeghda diga` hemm jew mhux izjed minn hamsin metru mill-fond li jkun qieghed jigi uzat.***

***"(c) ma jkunx jinsab inqas minn tliet mitt metru 'l boghod bil-pass minn xi fond li dwaru jkun ghad hemm applikazzjoni ghal licenzja pendenti."***

"Fil-kuntest ta' dawn id-disposizzjonijiet, identifikati mill-partijiet stess bhala centrali ghall-fini ta' din il-vertenza, din il-Qorti trid bilfors tibda billi tqis il-posizzjoni processwali tal-Awtorita` dwar il-Medicini u tal-Kummissarju tal-Artijiet.

"Huwa evidenti li r-rikorrent iccita lil dawk iz-zewg intimati *ex abundante cautele.*

"Issa minn ezami anke *prima facie* tal-Kap.458 jirrizulta li l-legittimu kontradittur tar-rikorrent [minn kliem il-ligi stess] huwa s-Supretendent tas-Sahha Pubblika bid-delega li ghandu li jagixxi f'isem l-Awtorita` dwar il-Licenzjar. Mela huwa biss dan l-intimat partikolari wahdu, tenut kont ta' kif hija mpostata, l-istanza tar-rikorrent li ghandu *locus standi* f'din il-kawza.

“Issa fil-mertu rrizulta bl-aktar mod car li hemm qbil bejn il-partijiet li d-disposizzjonijiet tal-ligi sussidjarja (A.L. 279 tal-2007) ma jistghux jigu trattati wahedhom u distakkati mil-ligi principali (Kap.458) in partikolari mis-setghat li l-ligi principali stess taghti lil min ghandu r-responsabilita` tat-twettieq taghha. Specifikament ghall-fini tal-kaz tal-lum, dan jissarraf illi jekk bic-caqlieq temporanju tal-licenzja mill-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta, ghall-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, id-distanzi ndikati fl-Art.6 tal-A.L. 279 tal-2007 mhux se jigu rispettati dak wahdu mhux pregudizzjali sabiex is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ma jezercitax is-setghat li ghandu skond il-ligi principali.

“Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni li l-partijiet stess qed jaghtu ghar-relazzjoni ta’ bejn id-disposizzjonijiet tal-ligi sussidjarja in relazzjoni ma’ dawk tal-ligi principali.

“U zzid tafferma hekk.

“<u>In linea generali</u>, id-disposizzjonijiet tal-ligi sussidjarja ghandhom dejjem jigu meqjusa fl-ambitu ta’ dak li tipprovdi l-ligi principali u huma soggetti ghal dak li tipprovdi l-ligi principali.

“<u>B’mod partikolari ghall-fattispece tal-kaz in ezami</u>, din il-Qorti tghid b’riferenza ghall-Art.6 tal-A.L. 279 tal-2007 li dik id-disposizzjoni trid titqies fil-kuntest taghha li mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum.

“Ghax ghalkemm id-dicitura tad-disposizzjoni hija generika, anzi generika wisq, hija evidentement intiza sabiex tahseb ghal sitwazzjonijiet fejn licenzjarju jaghzel ghar-ragunijiet tieghu li ma jkunx dettati minn forza magguri inkella cirkostanzi eccezzjonali jew specjali li jressaq applikazzjoni sabiex jirriloka spizerija u allura bir-ragun f’dak il-kaz id-distanzi li jsemmi l-Art.6 ghandu jkollhom osservanza stretta. Izda fejn ic-cirkostanzi jkunu eccezzjonali u ghal zmien limitat bhal fil-kaz tar-rikorrent pro et noe allura t-tifsira ta’ dik id-disposizzjoni tiehu dimensjoni aktar wiesgha u anqas rigida.

“**Ikkunsidrat –**

“It-tema vera u proprja tal-kwistjoni, aktar milli minn tifsira tal-Art.6 tal-A.L. 279 tal-2007, huwa t-tifsira li ghandha tinghata lill-Art.72 tal-Kap.458.

“Waqt it-trattazzjoni, l-intimati argumentaw li l-Art.72 tal-Kap.458 jaghti **dritt mhux obbligu** lis-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat fis-sens li fil-konsiderazzjoni tieghu dwar jekk ghandux ibiddel id-disposizzjonijiet ta’ xi tali licenzja ghandux iqis ukoll l-interess generali apparti l-interess privat.

“Materja ta’ din ix-xorta timmerita riflessjoni anke fil-kuntest tal-argument li ressaq ir-rikorrent li f’socjeta` demokratika, bazata fuq ir-*rule of law*, id-decizjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat ma ghandhiex tkunx motivata mill-biza reali jew prezunta ta’ azzjoni jew reazzjoni ta’ terzi li tista’ taffettwa l-komunita` in generali.

“Ghal din il-Qorti, l-Art.72 tal-Kap.458 huwa car fis-sens illi dan jaghti setgha lill-Awtorita` dwar il-Licenzjar [rapprezentata mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika] li tibdel id-disposizzjonijiet ta’ xi licenzja ... meta kien hemm bdil materjal ta’ cirkostanzi.

“Fil-kaz tal-lum, huwa pacifiku li fil-kaz tar-rikorrent sehh tassew bdil materjal ta’ cirkostanzi meta, bla ebda htija ta’ xejn da parti tieghu, u meta l-licenzja tieghu ghadha fis-sehh, ir-rikorrent qed ikun kostrett jaghlaq l-ispizerija tieghu go Misrah il-Helsien Valletta sabiex jibda jitwettaq il-Progett ta’ Bieb il-Belt.

“Dak il-fatt skatta talba ghal bdil fid-disposizzjonijiet tal-licenzja fis-sens li ghal zmien limitat din minn 3, Misrah il-Helsien, Valletta, tigi trasferita ghal 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta.

“Il-punt krucjali [ghall-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika] mhuwiex jekk it-talba *ut sic* hijiex gustifikata izda jekk dik it-talba tghabbix lill-istess Supretendent bl-obbligu li jilqaghha bla ma jqis l-interess tal-kollettivita`.

"F'kaz bhal dak tal-lum, huwa anke l-kompitu tal-Qorti tghid x'hinuma l-limiti tal-interess pubbliku u safejn dan jista' jiggustifika l-intruzjoni tal-poter pubbliku fl-isfera tad-drittijiet fundamentali tac-cittadin.

"Dak tal-lum huwa kaz li jirrigwarda cittadin debitament licenzjat biex jaghti servizz lill-pubbliku debitament regolamentat li fl-interess pubbliku qed jigi privat milli jibqa' jaghti dak is-servizz lill-pubbliku minn fond partikolari u li qed jitlob li jibqa' jaghti dak l-istess servizz lill-pubbliku minn band'ohra fl-istess lokalita` izda li qed issib ir-resistenza ta' terzi anke jekk ghal zmien limitat.

"Veru li l-poter tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat huwa diskrezzjonali u regolat mil-ligi. Fl-istess waqt pero` mhux insindakabbli. Id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata mhux biss fil-parametri ta' dak li Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat iqis bhala l-interess pubbliku imma wkoll u bl-istess enfasi fil-parametri ta' dak li hu gust u ragjonevoli. L-element tal-gustizzja ghandu jipprevali dejjem.

"Sabiex id-dritt tal-privat ma jkunx intralcjat, il-kawtela [li din il-Qorti ppercepiet fi kliem it-Tabib Ray Busuttil fix-xhieda tieghu] trid tassew tkun motivata u ghalhekk l-azzjoni inkella l-assenza ta' azzjoni konsegwenzjali trid tkun tidher gustifikata.

"L-interpretazzjoni ta' dak li huwa ekwu u ragjonevoli jista' jkun soggettiv. Din izda tista' tkun diffikulta` aktar apparenti milli reali. Id-drittijiet tac-cittadin huma garantiti mill-Kostituzzjoni taghna. Fl-istess waqt il-gustizzja, l-ekwita` u r-ragjonevolezza huma principji li ghandhom janimaw l-interpretazzjoni tal-istess. F'cirkostanzi normali, ir-ragjonevolezza ghandha tikkwalifika l-ezercizzju ta' kwalsiasi diskrezzjoni esekuttiva anke jekk il-ligi stess ma ssemmix jew ma tikkwalifikax espressament tali diskrezzjoni.

Lord Greene MR fil-kawza **Associated Provincial Picture Houses Ltd vs Wednesbury Corporation** (1948) 1 KB 223 at 229 jghid hekk:

*““It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise statutory discretions often use the word ‘unreassonable’ in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to matters which is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said and often is said to be acting unreasonably.”*

“Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti frankament ma tistax tifhem ghaliex il-potenzjal ta’ reazzjoni ngustifikata da parti ta’ terzi ghandha tinfluwenza negattivament id-decizjoni tal-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika a skapitu tal-pretensjonijiet legittimi tar-rikorrent.

“L-awturi **“Wade & Forsyth”** – **“Administrative Law”** - Tenth Edition – Oxford University Press – 2009 – pg. 305) jghidu hekk -

*““Reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if facts point overwhelmingly to one conclusion the decision-maker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have acted arbitrarily.”*

“Lord Esher MR fil-kawza **“R v. St. Pancras Vestry (1980)”** 24 QBD 371 at 375 qal hekk –

*““If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of*

*their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion.”*

“Din il-Qorti tghid li, tenut kont tal-fatt li t-talba tar-rikorrent hija limitata fiz-zmien fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari u specjali tal-kaz, il-pretensjonijiet ta’ terzi li jistghu jinfluwenzaw id-decizjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat ghandhom jitqiesu bhala rrilevanti ghall-fini tad-decizjoni li ghandu jiehu l-istess Supretendent tas-Sahha Pubblika.

“Kif inghad fid-decizjoni fil-kawza **“R v. Immigration Appeal Tribunal ex p. Bakhtaur Singh 1986 1 WLR 910”** –

*““A threat by that community to instigate a strike would be improper and therefore irrelevant.*

*“Inoltre –*

“Kif jghidu l-awturi **Wade & Forsyth**” op. cit. f’pag.322 - 323 –

*““Where discretion is conferred upon a minister of the Crown the range of legitimate considerations is likely to be wider than it would be in the case of a judge who can consider legal relevance only. The decision-maker must take the obligatory relevant considerations into account and if he fails to do so the judicial review will set him right. But the weight to be attached to any consideration is a matter for the decision-maker. The court will only intervene if manifestly excessive or manifestly indequate weight is given to a relevant consideration.”*

“Wara li qieset l-assjem tal-provi akkwiziti, u wara tat il-qies dovut lil-lanjanzi tal-intimati, din il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent.”

**6.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ Collis Williams Limited, Spiteri Maempel Limited, JV Pharma Limited, JBS Company Limited u Mario Debono ghan-nom u in rapprezentanza tal-Pharmacy Owners Section fi hdan il-

Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji tat-12 ta’ April 2010, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“(i) thassar u tirrevoka d-digriet fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi moghti fl-udjenza tas-6 ta’ April 2010, u minflok tikkjama fil-kawza lill-esponenti u tirrimetti lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jinstemghu l-provi tal-esponenti, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati;

“(ii) u fi kwalsiasi kaz thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti tas-7 ta’ April 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tghaddi biex tiddeciedi finalment din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati;

“Bl-ispejjez.”

**7.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Kamra tal-Ispizjara ta’ Malta, ukoll tat-12 ta’ April 2010, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“......thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti tas-7 ta’ April 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati;”

**8.** Rat ir-risposta li ressaq is-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar fl-14 ta’ April 2010 ghar-rikors ta’ appell ta’ Collis Williams Limited et li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex l-istess appell jigi michud; rat ukoll ir-risposta tal-istess Supretendent tas-Sahha Pubblika (ukoll tal-14 ta’ April 2010) li permezz tieghu, u ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li anke l-appell tal-Kamra tal-Ispizjara ta’ Malta jigi respint;

**9.** Rat l-appell incidentali tal-istess Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"......tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' April 2010 billi thassarha u tirrevokaha in kwantu ordnat lill-esponent jibdel il-kundizzjonijiet tal-lincenzja in kwistjoni minghajr ma jikkunsidra l-kwistjoni ulterjorment u in kwantu awtorizzat lill-kumpanija Chemimart Limited biex anke topera spizerija minn fond partikolari u cioe` l-fond numru 20-21 Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta minghajr licenzja minghand l-esponent kif ukoll in kwantu sabet illi r-rikorrent agixxa b'mod irragjonevoli, u minflok tiddikjara illi l-esponent ghandu biss dritt izda mhux obbligu illi jawtorizza r-rilokazzjoni tal-ispizerija in kwistjoni ghal fond iehor u ghalhekk tirrimetti l-kwistjoni ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-esponent fid-dawl ta' dak li ssib din l-Onorabbli Qorti, u billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha."

**10.** Rat ir-risposti tal-attur proprio et nomine ghaz-zewg appelli mressqa kif fuq inghad li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appelli ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom; rat ir-risposta tal-attur proprio et nomine ghall-appell incidentali tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex l-istess appell incidentali jigi respint bl-ispejjez kontra tieghu; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' April 2010, f'liema udjenza d-difensuri kollha tal-partijiet taw ruhhom b'notifikati a nom tal-klienti taghhom b'dak kollu li l-partijiet kellhom jigu notifikati bih; rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti; ikkunsidrat:

**11.** Illi l-fatti saljenti li wasslu ghal din il-kawza jinsabu ben delinejati fl-ewwel parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti u din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax il-htiega terga' tirrikapitolahom. Il-punt in kwistjoni idur fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 72 tal-Att dwar il-Medicini (Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta), u tar-regolamenti 4 u 6 tar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Licenzji ghall-Ispizeriji (Avviz Legali 279 tal-2007)[1]; dawn id-disposizzjonijiet, hlief ghar-

[1] Fil-fatt din il-Qorti tosserva ghall-precizjoni li l-Avviz Legali 279/2007 gie emendat bl-Avvizi Legali 81/2008 u 198 tal-2010. Dawn imsemmija Avvizi Legali ghamlu xi tibdiliet zghar fir-regolamenti 4, 6 u 10, liema tibdiliet ma jaffetwawx il-meritu ta' din il-

regolament 4, in kwantu rilevanti ghal din il-kawza, gew ukoll riprodotti mill-ewwel Qorti fil-parti preliminari tas-sentenza taghha[2]. L-iskop tal-kawza hu biex jigi dikjarat jekk l-attur, li kellu licenzja biex jopera spizerija minn hanut fi Pjazza l-Helsien il-Belt, jistax, b'mod temporanju, jirriloka l-hanut band'ohra sakemm isiru x-xoghlijiet mehtiega biex ikun jista jinnegozja minn fond vicin dak li kien qed juza, peress li dan tal-ahhar twaqqa', jew se jitwaqqa, mill-Gvern fil-kuntest tal-progett li nieda l-Gvern ghal Bieb il-Belt u l-pjazza msemmija. Il-konvenuti ma kienux kontra din ir-rilokazzjoni temporanja, pero`, fejn irid imur l-attur inserta "vicin" hafna spizeriji ezistenti li kienu qed joggezzjonaw li l-attur jopera, anke b'mod temporanju, minn hanut fi qrib ta' aktar minn 300 metri mill-ispizerija taghhom. Is-sidien ta' dawn l-ispizeriji qed jghidu li, fit-terminu tar-regolament 6 tal-Avviz Legali 279 tal-2007, ebda spizerija ma ghandha tithalla topera minn

---

kawza. In fatti, ebda wahda mill-partijiet ma lmentat li l-kopja tal-Avviz Legali a fol. 18 tal-atti ma kienitx tirrispekkja t-tibdiliet maghmula fl-2008. Kwantu jirrigwarda r-regolament 6, dan gie mibdul fl-2008 minn kif riprodott fis-sentenza appellata billi minflok il-paragrafu (c) li kien hemm, dahal is-segwenti proviso: "Izda fil-kaz ta' applikazzjoni ghal licenza ghal spizerija li tkun giet ipprezentata qabel ma tkun saret l-applikazzjoni ghar-rilokazzjoni ta' xi spizerija ohra li tkun qieghda diga` hemm, u fejn, bhala konsegwenza ta' dik ir-rilokazzjoni, id-distanza bejn l-ispizerija l-gdida li tkun qeghda tigi proposta u l-ispizerija rilokata tkun anqas minn 300 metru, allura r-rekwizit ta' 300 metru m'ghandux ikun japplika sabiex jigi stabbilit jekk l-applikazzjoni pendenti tkun wahda valida jew le."

[2] Ir-regolament 4 jaqra hekk:

> "4. (1) L-ghadd ta' spizeriji li tista' tinhargilhom licenza fil-konfini ta' xi belt jew rahal m'ghandux ikun ta' inqas minn tnejn, u dawk l-ispizeriji ghandhom ikunu jinsabu f'distanza ta' mhux inqas minn tliet mitt metru bil-pass 'il boghod minn xulxin:
>
> Izda dik id-distanza m'ghandhiex tapplika fil-kaz ta' spizeriji li diga` jkollhom licenza dakinhar li jidhlu fis-sehh dawn ir-regolamenti:
>
> Izda wkoll ma tista' tiftah ebda spizerija f'distanza ta' tliet mitt metru bil-pass minn xi spizerija li tkun tinsab f'xi belt jew rahal vicin.
>
> (2) F'kull belt jew rahal l-ghadd ta' spizeriji m'ghandux jeccedi l-proporzjon ta' spizerija ghal kull elfejn u hames mitt abitant.
>
> (3) L-ghadd ta' abitanti ta' belt jew rahal ghandu jitqies li jkun l-ghadd ta' abitanti ta' dik il-belt jew rahal skond ma jigu pubblikati mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika."

It-tibdil li sar f'dan ir-regolament permezz tal-A.L. 198/2010 kien li tnehhew il-kliem "skond il-htigiet ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali" wara l-kliem "Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika" fil-paragrafu (3).

lok li jkun jinsab anqas minn tliet mitt metru 'l boghod bil-pass minn xi spizerija ohra li tkun qeghda diga` hemm. Is-sidien ta' dawn l-ispizeriji talbu li jigu msejha fil-kawza, izda l-ewwel Qorti cahdet t-talba taghhom.

**12.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li, fl-interess tal-gustizzja, u fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari u specjali tal-kaz, il-konvenut ma kellux iqis dawn l-oggezzjonijiet tas-sidien tal-ispizeriji bhala "rilevanti" fil-konsiderazzjonijiet li kellu jaghmel fuq it-talba ta' rilokazzjoni temporanja, u anzi ziedet tiddeciedi billi ordnat il-bidla mehtiega fil-licenjza li kellu l-attur.

**13.** L-awtoritajiet konvenuti ma appellawx mis-sentenza, pero`, ressqu zewg appelli "terzi interessati", fosthom is-sidien tal-ispizeriji li qed joggezzjonaw ghar-rilokazzjoni kif mitluba mill-attur, u qed jitolbu t-thassir tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Dan ghamluh a bazi tal-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jghid li appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawza, izda wkoll "minn kull min ikollu interess".

**14.** Is-sidien tal-ispizeriji u l-Pharmacy Owners Section fi hdan il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (il-GRTU) qed jappellaw mid-digriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' April 2010 li in forza taghha cahdet it-talba taghhom biex jigu kjamati fil-kawza, waqt li l-istess sidien u l-GRTU u l-Kamra tal-Ispizjara ta' Malta, appellaw mis-sentenza tas-7 ta' April. Is-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar appella biss incidentalment ghax hu tal-opinjoni li l-ewwel Qorti marret lil hinn mill-kompetenza taghha meta <u>ordnat</u> il-bidla fil-licenzja flok <u>awtorizzat</u> li jista' jsir hekk jekk l-awtorita` tara' li jkun opportun li takkorda bidla fil-licenzja.

**15.** Il-partijiet fil-kawza kkontestaw dawn l-appelli tat-terz, u qed isostnu li dawn ghandhom jigu dikjarati nulli peress li jonqos fl-appellanti r-rekwizit interess guridiku.

**16.** Trattat l-ewwel l-allegat interess guridiku tal-Kamra tal-Ispizjara ta' Malta, din il-Qorti ma tarax li din ghandha l-interess mehtieg biex tintervjeni f'dawn il-proceduri. Il-

kwistjoni tal-interess mehtieg biex ikun jista' jigi intavolat *appello del terzo* gie re-ezaminat minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza **Borg pro et noe v. Pace noe et**, deciza fis-6 ta' April 2006, fejn inghad hekk a propozitu:

"Bilkemm ghalfejn jinghad li mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bhala "interess guridiku". Per ezempju, interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bhalma lanqas ma jissodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura interess f'dak li huwa precipwament l-ezitu tal-kawza. Kif tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet John Baptist Chiappa et v. Joseph M. Formosa noe et, moghtija fis-6 ta' Gunju 2001, il-parti li tkun interponiet "appell tat-terz",

""kellha qabel xejn tissodisfa lill-Qorti, li kellha interess fit-termini tal-ligi biex tintervjeni f'dan l-istadju ta' revizjoni tal-kawza billi bhala terz tappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad. L-interess li kien qed jehtigilha tipprova kellu jkun guridiku u dan ifisser illi tali interess seta', jekk jigi rejalizzat b'mod favorevoli fl-azzjoni kif proposta, jissarraf fi dritt fil-konfront tal-atturi li pproponew il-kawza. Ma kienx allura bizzejjed li tali interess ikun fl-ezitu tal-kawza in kwantu dan seta' jizvantaggja jew jagevola lit-terz li jappella fit-terminu tal-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz taht ezami jidher li tali interess guridiku ma jirrizultax in kwantu l-appellanti ma setghet qatt tivvanta xi jedd fil-konfront tal-atturi li maghhom m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika u li johrog mill-konvenju li fuqu qed teradika l-interess li jintitolaha tappella *qua* terz.""

**17.** F'dan il-kaz, dan l-appellant (cioe` l-Kamra tal-Ispizjara) ma jista' jivvanta ebda jedd fil-konfront tal-attur li mieghu m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika. Il-kamra tal-Ispizjara, bhala Kamra, m'hiex l-awtorita` munita bl-inforzar tal-Avviz Legali aktar qabel imsemmi, u ghalkemm ir-regolamenti inkorporati fl-Avviz Legali saru bi qbil bejn il-Gvern u l-istess Kamra, dan ma jaghtix lill-istess Kamra il-jedd li tindahal guridikament fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni taghhom. Darba li r-

regoli li fuqhom kien hemm qbil gew inkorporati f'ligi, dawn akkwistaw *a life of their own*, u huma enforzabbli mill-Istat bhal kull ligi ohra mahruga fl-interess pubbliku. Ghalkemm it-tahdiet u l-ftehim li jkun sehh bejn il-partijiet involuti f'materja jistghu jkunu ta' rilevanza ghall-interpretazzjoni tal-ligi li tkun harget wara dak il-ftehim, il-Qorti trid tinterpreta l-ligi fid-dawl tal-principji tal-*ermanewtika* legali, u b'mod indipendenti mill-ftehim li ta lok ghal hrug ta' dik il-ligi. Ghakemm il-Kamra setghet ingiebet bhala xhud biex ufficjal taghha jispjega x'wassal ghall-hrug tal-ligi, fl-ahhar mill-ahhar huma l-kliem tal-ligi li jorbtu, u mhux x'fehmet il-Kamra li kien il-hsieb taghha warajhom. U dawn il-kliem tal-ligi partikolari jridu jigu interpretati fid-dawl ukoll ta' ligijiet ohra. Il-Kamra ghandha interess issegwi l-kawza u tqis l-interpretazzjoni li l-Qorti taghti ghall-Avviz Legali, pero`, dan ma jintitolahiex tidhol fil-kawza bhala parti.

**18.** Il-principji fuq enuncjati dwar l-interess guridiku kienu gew abbraccjati aktar qabel minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Fiorentino v. Azzopardi**, deciza fl-1 ta' Marzu 2006. F'dik il-kawza, il-Qorti rriferiet ukoll ghal dak li ntqal mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (2003 numru 13091) fis-sens illi:

*"l'interesse ad agire, necessario anche ai fini dell'impugnazione del provvedimento giudiziale, va apprezzata in relazione alla utilita` concreta derivabile alla parte dall'eventuale accoglimento del gravame e non puo consistere in un mero interesse astratto ad una piu` corretta soluzione di una questione giuridica, non aventi riflessi pratici sulla decisione adottata."*

**19.** L-interess tal-Kamra jista' jitqies indirizzat lejn soluzzjoni korretta tal-kwistjoni guridika quddiem din il-Qorti, pero`, dan ma jaghtihiex dritt li tintervjeni b'mod dirett f'kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawza. L-appell imressaq mill-Kamra tal-Ispizjara Malta qieghed, ghalhekk, jigi dikjarat irritu u null, u din il-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

**20.** Trattat issa l-aggravji tas-sidien tal-ispizeriji appellanti u tal-GRTU, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel l-appell imressaq kontra d-digriet tal-ewwel Qorti li cahdet it-talba taghhom biex huma stess jigu msejha fil-kawza. F'dan il-kaz dawn il-persuni ma talbux li jkunu awtorizzati jintervjenu fil-kawza imma talbu li jissejjhu fil-kawza bhala "konvenuti" biex jikkontestaw it-talbiet tal-attur. Apparti l-interess o meno taghhom, rikors bhal dan kellu jigi michud u jitqies impronibbli, ghax il-kjamata fil-kawza ghandha tigi ordnata mill-Qorti jew *ex officio* jew wara talba minn xi parti fil-kawza, u terz ma jistax jitlob biex hu jigi "kjamat fil-kawza" – ara l-principju kif diskuss u deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza **Mamo noe v. Grima noe**, deciza fid-29 ta' Gunju 1979. Terz li *sua sponte* jrid jidhol f'kawza, jista' jinterveni fl-istess jekk juri l-interess mehtieg (u f'dik il-vesti jkun jista' anke jressaq provi jekk il-Qorti jidhrilha li dik il-prova tkun rilevanti ghall-kaz quddiemha), pero`, ma jistax jitlob biex hu stess jiddahhal fil-kawza bhala konvenut, meta la l-Qorti u lanqas il-partijiet ma jhossu li dan kien mehtieg. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk michud.

**21.** Dawn l-appellanti ressqu appell kontra s-sentenza definittiva tal-ewwel Qorti izda l-partijiet fil-kawza opponew l-interess guridiku reklamat mill-appellanti. Dwar il-posizzjoni tal-GRTU, din il-Qorti ftit ghandha xi zzid fuq dak li diga` intqal fil-konfront tal-pretiz interess tal-Kamra tal-Ispizjara ta' Malta, u ghal istess konsiderazzjonijiet tara li fil-GRTU jonqos ukoll l-interess guridiku mehtieg biex tkun tista' tressaq *appello del terzo*.

**22.** Fil-kaz tas-sidien tal-ispizeriji appellanti, is-sitwazzjoni hi differenti, peress li qed jallegaw illi huma gew milquta direttament u personalment bil-mod kif l-ewwel Qorti "skartat" il-limitazzjoni ta' tliet mitt metru impost fir-regolament 6 tal-Avviz Legali 279 tal-2007. Jekk l-attur jigi rilokat fil-fond li qed jitlob, dan se jkun qed jopera f'distanza ta' anqas minn 300 metru boghod mill-ispizerija taghhom, u b'hekk isofru pregudizzju finanzjarju. Huma ghalhekk, isostnu li ghandhom dritt jiddefendu "d-dritt" li taghtihom il-ligi li ma jkunx hemm spizerija vicin taghhom.

**23.** Id-dritt ta' cittadin privat li gudizzjarjament jipprova jenforza ligi amministrattiva giet diskussa minn dawn il-qrati. Fil-kawza **Eminyan v. Mousu`** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997, gie ammess illi l-ligijiet specjali dwar il-bini jiggeneraw mhux biss relazzjoni ta' natura amministrattiva bejn l-awtorita` u dak li jinhariglu l-permess – relazzjoni li fiha terzi ma jistghux jindahlu jekk mhux bil-modalitajiet u proceduri mahluqa fl-istess ligi specjali – izda johloq ukoll drittijiet privati li ghandhom min-natura ta' servitujiet legali. Fil-kawza **Risiott v. Bajada** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1998, dan il-punt gie ccarat fis-sens li wiehed irid jara jekk il-ligijiet u regolamenti partikolari ghandhomx il-hsieb li joholqu servitujiet privati, barra milli jirregolaw ir-relazzjoni amministrattiva bejn l-awtorita` u dak li jinhariglu l-permess. Dawn is-servitujiet privati jinholqu jekk il-ligijiet jew regolamenti jgibu sitwazzjoni fejn jista' jkun identifikat fond dominanti u fond servjenti.

**24.** F'dan il-kaz, ma jistax jinghad, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-legislatur ried jaghti "xi servitu`" jew xi forma ta' dritt lill-ispizjara li ma jkollhomx spizerija ohra vicin taghhom. L-iskop tal-Avviz Legali ma huwiex xi interess privat, <u>izda dak komunitarju fl-interess tar-residenti ta' kull belt jew rahal f'Malta</u>, u, fil-kaz tal-paragrafu (2) tar-regolament 4, l-interess tar-residenti tal-Gzejjer in generali. Din il-Qorti ezaminat l-Avviz Legali kollu u tara li r-regolamenti hemm kontenuti saru fl-interess pubbliku, partikolarment tal-konsumatur. L-iskop tal-ligi li timponi distanza bejn spizerija u ohra hija, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, *to spread out* l-ispizeriji, biex ir-residenti jsibu dejjem spizerija kemm jista' jkun vicin taghhom, u mhux biex jigu agevolati l-interessi finanzjarji tas-sidien tal-ispizeriji. L-Avviz Legali seta' nhareg bi qbil mal-ispizarja, izda fl-ahhar mill-ahhar, hi ligi ta' ordni pubbliku, u din il-ligi ma saritx biex taghti drittijiet lill-ispizjara imma biex tirregola l-kummerc fl-interess pubbliku. Konsumatur li joqghod f'tarf ta' belt jew rahal zgur ihossu "skomdu" jekk, f'kaz ta' emergenza, ikun irid imur fit-tarf l-iehor fejn ikun hemm gemgha ta' spizeriji biex jixtri medicina, u ghalhekk li l-ligi trid li, f'kull belt jew rahal, ikun hemm tal-inqas zewg spizeriji b'distanza ta' almenu 300 metri bejniethom. Jista'

jkun li l-ispizeriji "igawdu" minn dan ir-regolament, pero`, dan la jfisser li l-ligi saret fl-interess taghhom u lanqas li ghandhom dritt personali li jaraw li jibqghu jiehdu dak il-vantagg. Il-materja hija mhollija f'idejn l-awtorita` kompetenti li ghandha, fil-konsiderazzjonijiet taghha, tqis mhux biss l-interess tal-applikant ghal-licenzja, izda, u fuq kollox, l-interess tal-lokalita` u tal-konsumatur, bid-decizjoni tkun, ovvjament, fil-parametri tal-ligi. Kwindi dawn is-sidien ta' spizeriji appellanti m'ghandhomx l-interess guridiku mehtieg biex iressqu appell ta' terz, ghax il-hsieb tar-regolamenti ma kienx biex jigu agevolati grupp specifiku ta' nies, izda l-interess tal-komunita`. Anke li f'kull belt jew rahal in-numru ta' spizeriji ghandu jkun fi proporzjon tar-residenti, hu fl-interess tal-istess residenti u fl-ahhar mill-ahhar tar-residenti tal-Gzejjer in generali, peress li, kull spizerija, minhabba l-*economy of scale*, trid numru mdaqqas ta' klienti biex tkun tista' taqdi lill-konsumatur bl-ahjar mod biex ikollha *in stock* medicini bizzejjed u bl-ahjar prezz. L-Avvizz Legali, kwindi, ma jikkoncedix drittijiet lill-ispizjara, izda jipprovdi ghar-regolamentazzjoni ta' dan is-settur fl-interess tal-konsumatur, u l-gwardjan tal-ligi hi biss, allura, l-awtorita` pubblika.

**25.** Kwindi anke dan l-appell ta' dawn l-appellanti qed jigi dikjarat irritu u null, u din il-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

**26.** La darba z-zewg appelli proposti qed jigu dikjarati nulli, jaqa' wkoll l-appell incidentali tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika, peress li dan "rikeb il-karru" tal-appell tas-sidien tal-ispizeriji, u la dan l-appell hu null, ghandu jitqies null ukoll l-appell incidentali li jsir fir-risposta relattiva. Il-ligi, fl-Artikolu 241 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tghid li l-appell incidentali jibqa' jinstema' anke jekk il-parti kuntrarja "ma tissoktax fl-appell taghha", pero`, biex appell incidentali jinstema', irid ikun hemm appell validu u jekk dan jonqos, ma jistax ikun hemm appell incidentali. L-awtorita` in kwistjoni setghet, kieku riedet, ressqet appell hi mill-parti tas-sentenza li ma taqbilx maghha, pero`, ghar-ragunijiet li taf hi biss, naqset milli taghmel dan, u la darba rabtet l-

aggravji taghha ma' appell li qed jitqies null, dawn ma jistghux jigu kkunsidrati.

**27.** La darba m'hemmx appell validu quddiem din il-Qorti, ma tistax tidhol fil-mertu tal-kwistjoni u trid, ghalhekk, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti, pero`, trid tirrimarka, anke biex jigu evitati malintizi 'l quddiem f'kaz ta' cirkostanzi simili, li hi ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti pprovdiet rimedju. F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero`, ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti; pero`, finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni, mhux il-Qorti: Hekk, fil-kawza **Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et**, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:

*"...il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom."*

**28.** Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti **Borda v. Ellul Micallef**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita` *"ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari"* (ara wkoll

**Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2007).

**29.** Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli principali tat-terzi u mill-appell incidentali tal-konvenut billi tichad l-istess wara li tiddikjarhom bhala irriti u nulli. L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu minn kull appellant/appellant incidentali rispettiv, fis-sens li kull appellant u appellant incidentali jhallas hu l-ispejjez marbuta mal-appell/appell incidentali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------